**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONI ABELA LL.D.**

**Rikors numru 809/2024/1TA**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numtu 809/2024**

**Shoreline Contracting Limited**

**vs**

**Koray Global Malta Limited et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' Shoreline Contracting Limited (is-Soċjeta' rikorrenti tat-8 ta' Lulju 2024).

Rat ukoll in-nota tas-Soċjeta' rikorrenti tal-15 ta' Dicembru 2024.

Rat ir-risposta ta' Akbank T.A.S Malta Branch (OC 198) tat-22 ta' Lulju 2024.

Rat id-digriet tal-21 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu din il-Qorti appuntat dawn il-proċeduri għas-smiegħ għall-5 ta' Diċembru 2024.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta imsemmija.

Rat li dan ir-rikors tħalla' għal digriet fil-miftuħ għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-mandati kawtelatorji huma ta' natura serjissima kemm fil-konfront tad-debitur (sekwestrat) u kif ukoll tas-sekwestratarji stante l-konsegwenzi li tiprospetta l-liġi, fil-konfront ta' l-aħħar anke għall-piena ta' detenzjoni sa massimu ta' tlett xhur.

Dawn il-mandati jiġu maħruġa fuq ir-responsabbilita tal-kreditur, b'dana li jekk il-pretensjoni fil-mertu tiġi miċħuda ma jfissirx li b'hekk il-kreditur ikun passibbli għad-danni. Proprju minħabba din is-solennita' proċedurali l-liġi telenka għadd ta' elementi li huma meħtieġa *sine qua non* taħt piena ta' nullita *ipso iure* hekk dawn ma jkunux osservati. Għalhekk fil-każ ta' mandati kawtelatorji, fejn il-pretensjoni ma tkunx għadha kannonizzata b'Sentenza, kuntrarjament għall-każ ta' mandat eżekuttiv, il-proċedura għandha tkun osservata mhux biss *ad unguem* iżda b'mod strett billi lanqas jitħalla' li jkun hemm xi tip ta' interpretazzjoni per ekwipollenza.

Issa l-Qorti eżaminat sewwa kemm il-mandat odjern u kif ukoll l-atti li saru tal-inqas sa fejn jirrigwarda l-konsegwenzi li mandat ta' din ix-xorta għandu fuq is-sekwestratarju.

Jibda biex jingħad, li l-artikolu li jirrigwardaw il-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti huma s-segwenti:

L-artikolu 376(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fost affarijiet oħra jgħid hekk: *"Il-mandat għandu … (e) jordna lis-sekwestratarju <u>biex jiddepożita, bi spejjeż tad-debitur fi żmien dsatax -il jum min-notifika tal-mandat</u>, mar-Reġistratur xi flus jew ħwejjeġ li*

*jkunu proprjetà tad-debitur, issekwestrati bil-mandat"* (Emfażi tal-Qorti). Fis-sub artikolu 3 l-istess artikolu jiddisponi li *"Jekk is-sekwestru ma jkunx fih dawn id-dettalji, ikun ipsojure null".*

L-artikou 378 jiddisponi wkoll li *"Sekwestratarju li, għalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setgħu ġew issekwestrati bil-mandat, u li <u>ma jagħmilx id-depożitu msemmi fl-artikolu 376 fi żmien il-perjodu hemm stipulat</u>, ikun responsabbli għad-danni u l-imgħax favur il-kreditur u l-qorti tista', <u>wara rikors magħmul għal dak il-għan mill-kreditur, toħroġ dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa</u>, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, biex iġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni:*

*Iżda meta s-sekwestratarju jkun Bank, dak il-Bank ikollu jiddikjara x'hemm fixed deposits u kotba bankarji oħra proprjetà tad-debitur, mingħajr ma jiddepożitahom, b'dan illi l-persuna li għandha t-tmexxija tal-Bank tibqa dejjem responsabbli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu".*

Issa din il-Qorti eżaminat b'reqqa l-atti kollha ta' l-iskrittura għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern. Minn imkien ma jirriżulta li ngħata l-avviż ta' żmien li jsemmu dawn iż-żewġ artikoli in kwantu jirrigwardaw lis-sekwestratarji, fosthom l-intimant Bank. Din il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li tkun taf jekk dak li talvolta qed ikun allegat jikkonsistix f'kotba *fixed* jew kotba bankarji oħra. Mid-dokumenti esebiti, *prima facie* ma jirriżultax li dan huwa l-każ u r-referenza hija biss għall-garanzija bankarja li la hija kont *fixed* u lanqas ktieb bankarju.

Pero' hemm punt ieħor li jrid ikun ikkunsidrat. L-unika ordni li ngħatat kienet is-segwenti:

"*Lill-Marixxall tal-Qrati,*

*BILLI ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq, u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għall-ordnijiet infraskritti;*

*Inti, għaldaqshekk, fuq ir-rikors imsemmi, ordnat illi, b'kopja li tagħti ta' dan il-mandat, l-ewwel lis-sekwestratarji hawn fuq imsemmija, u mbagħad lis-sekwestrat fuq imsemmi, <u>iġġiegħel lill-istess sekwestratarji li jżommu għandhom bħala issekwestrata</u> sakemm jagħlaq iż-żmien li fih il-mandat jibqa' jseħħ skont il-liġi, jew, <u>sakemm jingħata Ordni ieħor</u>, jew li jqiegħdu fir-Reġistru ta' din il-Qorti, mill-imsemmija ħwejjeġ jew flus tas-sekwestrat kwantità (jew somma) biżżejjed sabiex biha titħallas it-talba tas-sekwestrant hawn fuq imsemmi, flimkien mal-ispejjeż ta' dan il-mandat taħt piena tad-danni u l-imgħaxijiet kemm -il darba jinkiser dan l-ordni. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti".*

Issa minn imkien ma jirriżulta li ngħataw <u>l-ordnijiet</u> fuq imsemmija. Is-Soċjeta' rikorrenti tgħid li kienet "*kostretta tintavola rikors permezz ta' liema talbet lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-Soċjeta' Akbank T.A.S. Malta Branch (OC 198) tiddikjara x'assi għandha, jekk għandha, li jappartjenu lill-kumpaniji sekwestrati"*. Is-Soċjeta' intimata għamlet dan b'nota u ddikjarat li ma kelliex assi li jappartjenu lis-sekwestrat. Jiġifieri *stricto iure* dik l-ordni ġiet imħarsa ħlief għall-fatt, li s-Soċjeta' rikorrenti tgħid li din kienet dikjarazzjoni invertiera u ergo l-ordni tal-Qorti ma ġietx osservata.

Il-Qorti qieset li l-kwistjoni ta' jekk dikjarazzjoni bħal din hiex minnha jew le, hija kwistjoni li trid tkun approfondita u meqjusa mill-Qorti apposita u mhux minn din il-Qorti. Biex il-Qorti tkun tista' tistabilixxi l-fatti, din il-Qorti ma tistax tikkonverti lilha

nnifisha f'waħda ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża meta fil-każ ta' mandati kawtelatorji, l-pendenza titqies mad-daqqa t'għajn. Eżami bħal dan żgur ma jistax isir minn din il-Qorti biċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha, partikolarment fid-dawl tal-osservazzjonijiet fuq magħmula dwar il-validita' o meno tal-mandat odjern.

Di pju', anke tqanqlet il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni stante li jekk hemm assi, dawn x'aktarx huma fil-pussess ta' l-imsemmi Bank fit-Turkija. Jista' jkun li l-Bank intimat huwa fergħa tal-Bank fit-Turkija u li għalhekk għandhom jitqiesu bħal Bank wieħed, kif *del resto* ammess anke fir-risposta. Iżda min-naħa l-oħra, l-assi, jekk qatt hemm, huma miżmuma f'territorju Tork, li mhux membru kommunitarju u li allura m'humiex applikabbli għalih ir-regolamenti appositi tal-EU. Dan il-fattur allura jġib miegħu kwistjoni ta' ġurisdizzjoni, li wkoll hija kwistjoni li ma tistax tiddeċiedi din il-Qorti fil-każ tal-proċeduri li għandha quddiemha. Tfakkar, li proċeduri għad-disprezz jistgħu jwasslu għad-detenzjoni ta' l-ogħla uffiċjali tal-Bank, li llum dawn jinsabu t-Turkija.

B'dan ma jfissirx li jekk il-Bank intimat qed jeludi l-mandat odjern, 'l quddiem mhux ser ikun passibbli għad-danni u imgħaxijiet kif tipprospetta l-liġi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti.

Spejjes ta' din il-proċedura bla taxxa.

**Illum, 16 ta' Diċembru 2024**

**Onor.  Imħallef Toni Abela LL.D.**